MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Numru 76/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**ALFRED MALLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Mallia, ta’ 54 sena, imwieled l-Imsida nhar il-15 ta’ Frar, 1952, bin Spiridione u Rosaria nee’ Sghendo, residenti fil-fond numru 57, Triq l-Antika, Birgu, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 186852 (M);

Akkuzat talli:

Nhar is-27 ta’ Jannar, 2007 ghall-habta ta’ 1.30am gewwa l-istabbiliment Boozer’s Bar, li jinsab gewwa Triq il-Kbira,

San Guzeep, Hamrun, b'diversi atti maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttanta sabiex jikkometti attakk u/jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta' WPS 41 Anne Marie Micallef, u PC 275 Thomas Dimech, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan ai termini tal-Artikolu 41, 92 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent 41 Anne Marie Micallef, inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u dan ai termini tal-Arikoli 92, 95 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi hedded lill-istess ufficjali pubblici bi kliem, u dan ai termini tal-Artikolu 338 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija ezekuttiva, u dan ai termini tal-Artikolu 338 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai termini tal-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi xewwex pubblikament persuni ohra biex jinholoq reat u dan ai termini tal-Artikolu 69(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi xewwex pubblikament persuni ohra biex jiksru u dan ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 18, 41, 92, 95, 96, 338(e), 338(ee), 342, 338(dd), 69(c), u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Alfred Mallia hati, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------